# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju 2016**

**Rikors Numru 310/15 FDP**

**Patrick Bugeja**
**(ID 81178M)**

**vs**

**Catherine Grech**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fit-13 ta' Ottubru 2015 fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti tikkundanna lill-intimata thallsu dik is-somma hek likwidata rappresentanti servigi resi mir-rikorrenti fil-konfornt tal-genituri taghhom, Jane u Joseph konjugi Bugeja, illum defunti.

Rat ir-risposta ta' l-intimata ippresentata fis-27 ta' Ottubru 2015 fejn eccepiet, preliminarjament, illi l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 filwaqt illi, fil-meritu, it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi l-attur qatt ma ppreseta servigi u, anke jekk ppresenta, dana ghamlu *familiaritatis causa*.

Rat illi fl-14 ta' Dicembru 2015 il-Qorti ordnat l-kapovolgiment tal-provi u illi l-intimat jressaq il-provi dwar l-ewwel eccezzjoni.

Rat l-affidavit ta' **Catherine Grech** u d-dokumentazzjoni maghha annessa, ippresentat fit 18 ta' Frar 2016.

Rat illi fit 18 ta' Frar 2016 l-intimata ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi dwar l-ewwel eccezzjoni.

Rat l-affidavit ta' **Patrick Bugeja** u dokumentazzjoni minnu esebita, ippresentat fil 25 ta' April 2016.

Rat illi fil 25 ta' April 2016, r-rikorrenti iddikjara illi ma kellhux aktar provi x'jippresenta fuq l-ewwel eccezzjoni.

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni moghtija fit 13 ta' Gunju 2016, wara liema data il-kawza giet differita ghallum ghal-decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi l-kawza odjerna hija wahda ta' servigi u l-intimata qajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali abbazi tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16.

Fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-17 ta' Jannar, 1955 fil-kawża fl- ismijiet Agostino Pace et vs Antonio Agius noe fejn ingħad espressament li:

> *"l-azzjoni għall-ħlas ta' serviġi u għar-restituzzjoni ta' spejjeż għal somministrazzjonijiet magħmula lill-persuna servuta* ***tippreskrivi ruħha f'ħames snin****; u ċ-ċirkustanza li s-serviġi jew somministrazzjonijiet jkunu kontinwi, jew bla interruzzjoni, mhux biżżejjed biex timpedixxi illi l- preskrizzjoni tibda tiddekorri. B'dan li l-kontinwità jew reiterazzjoni tas-serviġi jew somministrazzjonijiet ma tissospendix il-bidu jew il-kors tal-preskrizzjoni, u lanqas ma timporta, għalkemm aċċettata mid-debitur, interruzzjoni tal-preskrizzjoni tal-kreditu għas-serviġi jew somministrazzjonijiet anterjuri. Għaliex l-att ta' persuna li taċċetta mill-ġdid il-prestazzjonijiet ma jistax iwassal għall-ammissjoni tad-debitu dwar prestazzjonijiet anterjuri, jew għal rikonoxximent ta' drittijiet dwar dawk il-prestazzjonijiet anterjuri, jew għal xi rinunzja għall- preskrizzjoni tad-dritt naxxenti minn prestazzjonijiet anterjuri."*

Jirrizulta illi r-rikorrent qieghed jitlob il-hlas ghas-servigi kelli ghal dak illi jirrigwarda dak li ghamel ma' missieru, Joseph, u ma' ommu, Jane.

Jirrizulta illi Guzeppi Bugeja miet fit 18 ta' April 1998, u dana kif jidher fic-certifikat tal-mewt esebit a fol 13 tal-process.

Jirrizulta illi Giovanna Bugeja mietet fl-14 ta' Awissu 2010, u dana kif jidher fic-certifikat tal-mewt esebit a fol 14 tal-process.

Jirrizulta illi fl-20 ta' April 2015, ir-rikorrent ghamel Ittra Ufficjali lill-intimata, u lilha notifikata fl-4 ta' Mejju 2015, (fol 15) fejn talabha thallsu ghas-servigi illi r-rikorrent kien ghamel lill-genituri tieghu.

Jirrizulta illi l-kawza odjerna giet intavolata fit 13 ta' Ottubru 2015.

Jirrizulta, ghalhekk, illi inkwantu il-pretensjoni ghal servigi fil-konfront ta' missierhom, Guzeppi Bugeja, dina hija preskritta bit-trapass tal-hames snin.

Jirrizulta, madanakollu, illi in kwantu il-pretensjoni ghal servigi fil-konfront ta' ommhom, Giovanna Bugeja, dina ma hijiex preskritta stante illi, fil-periodu ta' hames snin mill-mewt ta' ommhom illi sehhet fl-14 ta' Awissu 2010, ir-rikorrent interrompa l-preskrizzjoni permezz ta' Ittra Ufficjali ippresentata fl-20 ta' April 2015.

Ghalhekk, hija biss it-talba tal-pretensjoni ghal servigi relatata ma' missierhom illi hija preskritta.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat id-dokumentazzjoni u provi prodotti,

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimata billi

**Tilqaghha** ghal dak illi jirrigwarda t-talba ghal-hlas ta' servigi mir-rikorrenti lill-missierhom, Giuzeppi Bugeja filwaqt illi

**Tichadha** ghal dak illi jirrigwarda t-talba ghal hlas ta' servigi mir-rikorrenti lill-ommhom Giovanna Bugeja

Il-Qorti ghalhekk tordna t-tkomplija tal-provi, fuq il-meritu, liema meritu ghandu jkun limitat ghal servigi pretizi in rigward Giovanna Bugeja

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur